# EDGAR (AUGUSTINE) AGIUS (9.12.1922-24.11.2017)



Il-PROFESSUR RAY MANGION
B.A. (Hons.) (Istitut Agostinjan), M.A. (Storja) (Melit.), LL.D. (Melit.), D.Phil. (Oxon.), M.O.M.

Edgar Augustine twieled f'Raħal Ġdid, Paola, iben Ġużeppi Agius u Letterina magħrufa bħala 'Lily' Zammit. Huwa ngħata l-ismijiet ta' 'Edgardo, Agostino, Pietro'.

Missieru kien f'ġuvinturitu Surmast tal-Iskola fil-Kanada iżda aktar tard ġaladarba huwa niżel lura f'Malta kien il-Kuratur fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, f'Raħal Ġdid. Ommu, li kienet minn Katanja, kienet fi xbubitha għalliema wkoll fl-istess belt ta' Sqallija.

Missieru kien imfittex biex jikteb il-korrispondenza lil bosta nisa ta' bla skola fiż-Żona tal-Kottonera li bdew jikkommunikaw malirġiel tagħhom li kienu telqu l-aktar lejn l-Awstralja, il-Kanada kif ukoll l-Ingilterra meta Malta ntlaqtet bil-kbir mill-Emigrazzjoni tal-Massa wara t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945).

Edgar Augustine, jew Edgar għall-qosor, affezzjonament imsejjaħ 'Eddie' fost dawk ta' madwaru, il-qraba u l-ħbieb, kien ġej minn familja popolari fost il-fqar u l-inqas ixxurtjati, li l-maħbubin tagħhom bdew isiefru min-Nofs in-Nhar ta' Malta biex isibu fortuna u ġejjieni aħjar għall-familji tagħhom fit-territorji espansivi u prospettivi tal-lingwa Ingliża fi żmien li pajjiżhom fil-qalba tal-Baħar Mediterran kien milqut minn kriżi qawwija ta' nuqqas ta' impjiegi fissi u pagi stabbli meta x-xogħol kien biss fir-rikostruzzjoni.

Missieru kien attiv fil-Partit Laburista u kien ħu l-avukat Dr Carmelo Agius li dam jikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali għal iżjed minn 40 sena u li kien appoġġja lill-Perit Dom Mintoff meta l-Moviment tal-Ħaddiema splittja fl-1949.

Edgar kellu ħuh Oscar li wkoll wera interess fil-politika u aktar tard ħareġ mal-Partit Nazzjonalista.

Edgar kellu quddiemu karriera brillanti fil-qasam tal-mediċina u tal-kirurġija minkejja r-rabtiet politiċi li membri tal-familja kellhom sa minn ċkunitu u baqgħu jsostnu sa snin wara.

Huwa ħadem mal-Uffiċċju tal-Protezzjoni matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) meta l-Istat tal-Emerġenza u l-Ħajja tal-Bniedem, kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Huwa żamm lura mill-arena tal-konfrontazzjonijiet u tal-kontroversji għaliex kien għaraf li kien hemm il-professjoni iżjed "nobbli" li kienet qiegħda ssejjaħlu.

Edgar attenda fil-Liċeo u mmatrikola u nkiteb fil-Kors tal-Mediċina u tal-Kirurġija fl-Università ta' Malta filbidu tal-Kunflitt Armat Internazzjonali.

Huwa kien jakkumpanja lil missieru fuq il-lant taxxogħol u kien jintasab jistudja fit-Tempji Preistoriċi li tant kienu ta' lehma u motivazzjoni.

Huwa rnexxielu jtemm l-istudji tiegħu b'suċċess tant li kiseb il-Baċellerat fil-Farmaċija fl-4 ta' Lulju 1943 u sussegwentement id-Dottorat (M.D.) mill-Alma Mater fl-1 ta' Ottubru 1946.

Huwa ħalla Malta bħala Ship's Surgeon fuq il-Fort Wayne li kien Naval Store Issuing Ship. Huwa ħalla s-servizz navali f'Rosyth f'għadd ta' sptarijiet fir-Renju Unit fosthom il-Withington Hospital f'Manchester u fid-Derbyshire Hospital for Women f'Derby. Sadanittant, Dr Agius attenda u kompla jipperfezzjona fl-Obstetriċija u fil-Ginekoloġija f'Hammersmith Hospital, fiċ-Chelsea Hospital for Women u fil-Queen Charlotte Hospital f'Londra.

Huwa kiseb id-Diploma in Obstetrics tar-Royal College of Obtetricians and Gynaecologists fl-1951 sakemm kien elett Membru tal-istess istituzzjoni (M.R.C.O.G.) fis-26 ta' Mejju 1956.



It-Tabib, Kirurgu u Speċjalista Dr Edgar Agius (c) Joanna Agius

Hu rritorna Malta fl-istess sena wara nuqqas ta' disa' snin u kien wieħed minn tliet membri tal-Kulleġġ Irjali f'Malta.

Dr Agius irritorna f'Malta għaliex aċċetta li jaħdem fl-Isptar San Luqa, fi Gwardmanġa.

Hu eżerċita b'abilità straordinarja fl-Ingilterra, f'Malta u aktar tard fl-Għarabja Sawdita, fin-Niġerja u f'Abu Dhabi.

Huwa kiseb fama bħala Konsultant ewlieni fl-Ostetriċija u l-Ginekoloġija f'art twelidu u lil hinn.

Sadanittant, Dr Agius iddeċieda li jagħtiha għall-pubblikazzjoni ta' numru ta' artikli fuq it-tematika li dwarha kien diġà prominenti meta kien għadu jispeċjalizza fil-Gran Brittanja.

Infatti, huwa xandar se-

> Dr Edgar Agius kiseb fama bħala għalliem eċċellenti fit-tijatri tal-operazzjonijiet. Huwa akkwista reputazzjoni bħala kirurgu li kien estremament kapaċi u tassew versatili fl-ispeċjalizzazzjoni tiegħu.

lezzjoni ta' kitbiet ta' aġġornament u ta' livell għoli f'rivisti xjentifiċi ta' awtorità u ta' prestiġju internazzjonali fosthom il-British Medical Journal. Huwa ddedika l-ħin saħanstira għall-kontribuzzjonijiet akkademiċi għal aktar minn għaxar snin mill-1954 'il quddiem.

Huwa flimkien maż-żewġ esperti l-oħrajn Emmanuel Cachia u Herbert Manfred Lenicker ġabar kampjun ta' 'l fuq minn 4,000 neonati li twieldu minn ġenituri Maltin fl-Isptar San Luqa, fi Gwardmanġa, mill-1951 sal-1959 biex jindika li l-medja tat-toqol tat-trabi tal-Maltin malli jitwieldu kienet ta' seba' libbri u 9.8 uqijiet għas-subien u seba' libbri u 4.7 uqijiet għall-bniet.

Huwa u sħabu wettqu l-istħarriġ, li kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, fid-dawl tat-twemmin popolari li n-nisa Maltin kellhom it-tendenza li jwelldu tfal pjuttost kbar u tqal.

Ċertament, Dr Edgar Agius kiseb fama bħala għalliem eċċellenti fit-Tijatri tal-*Operazzjonijiet* aktar milli Lettur fis-Swali tal-Atenew.

Huwa akkwista reputazzjoni bħala kirurgu li kien estremament kapaċi u tassew versatili fl-ispeċjalizzazzjoni tiegħu.

Huwa kien jimpressjona lil ta' madwaru bil-ħeffa u fl-istess ħin bil-preċiżjoni li kien juri fl-interventi tiegħu.

Huwa kien attiv anke privatament u kien persuna prattika u mfittxija ferm għall-pariri siewja li kien jagħti.

Dr Agius laħaq il-quċċata tal-merti tiegħu meta kien ammess bħala Fellow of the Royal College of Obstetricians and Gynaecologists (F.R.C.O.G.) fis-26 ta' Lulju 1969, liema ġurnata kienet waħda mill-isbaħ fil-kurrikulu għammiel u multi-kulurit tiegħu.

Huwa kien għadu kif kien ingħata t-titlu ta' Commendatore di Grazia mill-Gran Mastru tal-Ordni Militari ta' Sant' Agata ta' Paternò.

Dr Agius kien Aġent Kap tad-Dipartiment tal-Ostetriċja u tal-Ginekoloġija fil-Fakultà tal-Mediċina u tal-Kirurġija fl-Università ta' Malta mill-1987 sal-1991.

Edgar ingħaqad fiż-żwieġ ma' Anne Roth-Watts, minn Cleveland Avenue, Chaddesden, Derby fil-Kappella Kattolika Rumana ta' Santa Marija f'Derby, fil-Kontea ta' Derbyshire, fil-Midlands, fl-Ingilterra, fl-10 ta' Marzu 1956.

Edgar iltaqa' ma' Anne billi hija kienet Senior Occupational Therapist fid-Derwent and Drycott Hospital f'Derby fejn huwa kien jipprattika.

Huma qattgħu qamar-il għasel fil-Kontinent tal-Ewropa, preċiżament f'Pariġi (fi Franza) u f'Ruma (fl-Italja) billi huwa saq bil-karrozza overland.

Edgar u Anne kellhom erba' wlied li kienu: Simon, Joanna, Taryn u Justin.

Edgar u l-familja kienu oriġinarjament joqogħdu f'Raħal Ġdid, Paola, iżda aktar tard trasferew għall-Kappara.

Edgar kien iħobb il-mużika klassika u l-futbol u ma setax jonqos li kien supporter tat-tim Ingliż *Derby County*. Huwa kellu wkoll namra kbira għas-sajd tant li kellu luzzu li bih kien jitla' lejn Għawdex f'mumenti ta' mistrieħ.

Edgar miet fl-età venerabbli ta' kważi 95 sena fl-Isptar Mater Dei, f'Tal-Qroqq, fl-Imsida, u ndifen fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'belt twelidu.

## Selezzjoni ta' Pubblikazzjonijiet:

*1954*: Demography in Malta, Transactions of the sixth International Congress of Catholic Doctors (Dublin).

1957: 'Infant and Prenatal Mortality in Malta', Medical Officer, n. 98.

1958: Physiological Anaemia of Pregnancy: A plea for the abolition of this term', Journal of Obstetrics and Gynaecology of the British Empire, n. 65.

1959: 'Inhibition of lactation', British Medical Journal, n. 2.

1960: 'Treatment of Anaemia in Pregnancy', British Medical Journal n. 2.

1963: 'Postpartum Damage to Pituitary', British Medical Journal n. 2, In defence of the second Twin, Journal of Obstetrics and Gynaecology of the British Commonwealth, n. 70.

1966: 'Average Birth in Malta' (with Emmanuel Cachia and Herbert Manfred Lenicker), St Luke's Hospital Gazette, v.1, n.2.

## Biblijografija:

Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 293/1923, Żwiġijiet 746/2016; Imwiet 3179/2017; 'Royal University of Malta. Impressive Scenes at Yesterday's Graduation Ceremony', Times of Malta (2.x.1946); Report on the Working of the Royal University of Malta for the period 1st October 1946 to the 30th September 1947 (Government Printing Office 1948), Appendix II; Michael J.Schiavone. Dictionary of Maltese Biographies, Vol.I, A-F (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009); Emilio Agius (2.viii.2018); Dr Justin Agius u Ms. Joanna Agius (10.viii.2002).



Dr Edgar Agus fi żmien li kien Ship's Surgeon u bil-ballun tal-futbol quddiemu (c) Joanna Agius



Edgar u Anne fil-ġurnata memorabbli taż-żwieġ tagħhom fl-10 ta' Marzu 1956 (c) Joanna Agius